MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Rikors Numru. 17/2012/2

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Emanuel Vella**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ghas-sospensjoni tal-bejgh in subbasta maghmul mir-rikorrenti Emanuel Vella fil-5 ta' Settembru 2012 ai termini tal-artikolu
326 tal-Kap. 12;

Rat ir-risposta tal-HSBC Bank Malta plc tas-17 ta' Settembru 2012 fejn oppona ghal tali talba;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2012.

**Ikkunsidrat**

Illi r-retroxena ta' dan il-bejgh in subbasta li gie mibdi b'rikors fit-23 ta' Mejju 2012 huwa kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 4 ta' Settembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech li gie rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali datata 3 ta' Mejju 2011. Emanuel Vella kien deher fuq dan il-kuntratt bhala garanti solidali tas-socjeta' Tas-Sajku Poultry Products Limited u dan flimkien ma' martu.

Ir-rikorrenti Emanuel Vella qieghed jitlob is-sospensjoni tas-subbasta peress li l-assi kollha tal-intimat huma kolpiti minn ordni ta' ffrizar mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs Emanuel Vella fit-3 ta' Novembru 2009 u li permezz taghha l-assi kollha tieghu nkluz dawk mertu ta' dan il-mandat gew frizati. Huwa ssotometta li s-socjeta' bankarja kienet konsapevoli ta' din l-ordni tant li intavolat rikors quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-24 ta' Frar 2012 sabiex tigi awtorizzata tipprezenta rikors ghal bejgh bis-subbasta tal-proprjeta' immobbli appartenenti lilu, liema rikors gie michud fid-19 ta' April 2012.

Illi min-naha taghha s-socjeta' bankarja mhiex qeghda tikkontesta l-fatt li effettivament tezisti din l-ordni ta' ffrizar li harget skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22A tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta izda targumenta li b'daqstant hija mhix ipprojbita milli tipprocedi ghar-rifuzjoni tal-ammont misluf mill-bank.

Illi mill-atti u waqt it-trattazzjoni ma giex kontestat li d-debitu hu cert, likwidu u dovut ai termini tal-ligi.

Illi jrid jigi rilevat ukoll li kien biss permezz tar-rikors imressaq minn Emanuel Vella li gie a konjizzjoni ta' din il-Qorti li kien hemm l-ordni ta' ffrizar inkwistjoni.

Jinghad li l-ligi ma taghtix raguni cara dwar ir-ragunijiet li dwarhom il-Qorti tista' tissospendi bejgh in subbasta. Tajjeb pero jigi ravvizat li fejn l-artikolu 281 tal-Kap. 12 dwar ir-revoka ta' att ezekuttiv hu indirizzat lejn nuqqas

procedurali u formali tal-att ezekuttiv, ir-raguni ghal sospensjoni hi aktar wiesgha u xxaqleb ghal fuq is-sostantiv tal-att ezekuttiv[1].

Illi l-HSBC Bank Malta plc ghamel referenza ghas-sentenza li inghatat fl-ismijiet **Saviour Micallef et vs Bank of Valletta plc[2].** F'dawk il-proceduri l-atturi talbu li l-atti tas-subasta li permezz taghhom il-Bank kien prezenta fil-konfront taghhom jigu dikjarati nulli u bla effett peress li dawn ma setghux isiru in vista tad-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kors ta' proceduri kriminali li kienu qed jittiehdu fil-konfront ta' Saviour Micallef, fejn ai termini tal-**artikolu 5 tal-Kap. 373 u tal-artikolu 23A tal-Kap. 9** gew sekwestrati l-mobbli u flejjes tal-attur f'idejn terzi persuni, u wkoll l-akkuzat gie inibit milli jittrasferixxi, jippoteka jew xort ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli kollox kif provdut fl-istess artikolu tal-**Kap. 373.**

Illi dik il-Qorti rriteniet is-segwenti:

*'Illi mill-atti tal-kawza jidher li l-atturi qed jippretendu li l-ordni li inghata mill-Qorti tal-Magistrati kompetenti a bazi tal-**artikolu 5 tal-Kap.373 u tal-artikolu 23 A tal-Kap. 9** kienet timpedixxi lill-Bank konvenut milli jagixxi sabiex jesegwixxu li l-kreditu li kellhu kontra l-atturi naxxenti minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li gie ppublikat qabel ma' inghatat tali ordni; izda din il-Qorti certament li ma tistax taqbel ma' dan ghaliex l-ordni tal-Qorti kienet tolqot, skond it-termini tal-ligi stess, lill-istess atturi u lil terzi persuni li jaghmlu xi trasferiment fuq l-istess immobbli, izda mhux li l-Qorti tagixxi skond il-ligi fuq rikjesta ta' xi parti, inkluz terza persuna kreditrici tal-istess atturi, li kellha garanzija reali fuq l-istess immobbli, sabiex tipprocedi b'atti tas-subasta. Huwa fil-fatt probbabbli ghalhekk li l-atturi stess lanqas biss opponew li ssir l-istess subasta u din il-Qorti thoss li d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 5 tal-Kap. 373** bl-ebda mod ma jimpedixxu lill-*

[1] Bank of Valletta plc vs Paul Grech, Rik Nru: 650/2012MC deciz 13ta' Lulju, 2012

[2] Cit Nru: 370/2010RCP deciza fl-4 ta'Ottubru, 2011.Gie interpost appell minn din is-sentenza.

*Qorti Civili milli tagixxi skond il-ligi fuq talba ta' kreditur esekutant sabiex tipprocedi bl-atti tas-subasta fuq proprjeta' tal-atturi. Taht l-istess konsiderazzjonijiet jinghad li l-bank konvenut bl-ebda mod ma huwa impedut bl-istess ordni li jadixxi lill-Qorti sabiex jesegwixxi l-kreditu li kellhom kontra l-atturi. B'hekk din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici hija bla ebda fondament legali kwalunkwe peress li tali ordni bl-ebda mod ma tolqot proceduri gudizzjarji u ordnijiet tal-Qorti Civili bhal dik odjerna u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda ghaliex huma bla ebda bazi legali tant li l-Qorti tikkonsidra l-istess bhala frivoli'.*

Illi fil-fehma tal-Qorti dan l-insenjament ghandu jsib applikazzjoni tieghu wkoll fil-kaz odjern. Infatti ghalkemm l-ordni ta' ffrizar f'dawk il-proceduri inhareg abbazi ta' l-artikolu 5 tal-Kap 373, qari ta' l-artikolu 22A tal-Kap 101 li abbazi tieghu nhareg l-ordni ta' ffrizar jirrizulta li hemm l-istess terminologija wzata mil-ligi.

Ghaldaqstant l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex twaqqaf lil Emanuel Vella milli jbiegh l-assi tieghu m'ghandhiex tinftiehem bhala ordni fuq il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Civili li tesegwixxi krediti civili ezistenti kontra akkuzat billi tordna taht l-awtorita' taghha stess il-bejgh tal-proprjeta' tal-akkuzat.

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' r-risposta ta' HSBC Bank Malta plc, tichad it-talba ta' Emanuel Vella, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------